# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru 2020**

**Rikors Numru 1029/18 FDP**

Fl-ismijiet

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited 9C 5002) u Louis u Alberta miżżewġin Pace (ID 871952M) u (810052M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta' Ottubru 2018, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti talbet s-segwenti:

> *Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 21 ta' Diċembru 1999 (Dok "A"), l-intimati iddikjaraw ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tliet mija u tmienja u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u għoxrin liri Maltin (Lm 348,521) ekwivalenti għal tmien mija u ħdax-il elf, tmien mija u ħamsa u tletin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 811,835.54).*
>
> *Illi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jiġi eżegwit u d-debitu tal-intimati għadu ma tħallasx u għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*
>
> *Illi d-debitu tal-intimati illum jammonta għal żewġ miljuni, sitta u għoxrin elf, sebgħa mija u sitta u tmenin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu tal-Ewro (€2,026,786.36) flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2018 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "B1 sa B2").*
>
> *Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha teżegwixxi il-kuntratt datat 21 ta' Diċembru 1999, in*

*atti Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjeż kontra l-istess intimati.*

2. Rat illi, a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap 12, ir-rikors ġie maħluf minn Joanna Bartolo, bħala rappreżentata tas-soċjetà Bank of Valletta p.l.c.

3. Rat illi l-intimati, debitament notifikati, rrispondew għal dak mitlub billi ppreżentaw is-segwenti risposta:

*Illi l-intimati mhux qed jaqblu mal-konteġġi tal-bank rikorrenti li wasslu għall-bilanċ reklamat, stante li l-konteġġi mhux qed jieħdu in konsiderazzjoni il-pagamenti li saru bejn is-sena 1999 sallum; ir-rikavat mis-subbasti li saru; u l-fatt li l-intimati rkupraw fondi mibjugħa b'subbasta bil-konsegwenza li l-bank rikorrenti huwa awtorizzat li jiżbanka l-ammont imħallas għal tali rkupru, liema rkupru jammonta għal pagament għall-iskopijiet u effetti kollha tal-liġi.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost parti mill-bilanċ mitlub jirrappreżenta spejjeż legali li l-bank rikorrenti fl-ewwel lok ma kienx intitolat għalihom, u fi kwalunkwe lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jrid jingħata rendikont tagħhom sabiex jiġu vverifikati.*

4. Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2019, il-partijiet ivverbalizzaw dan li ġej:

*Dr Borg (għall-intimati) irrileva li l-kontestazzjoni prinċipali tal-intimat huwa l-fatt li fir-rikors promontur ġie indikat li d-debitu tal-intimat jammonta għal żewġ miljuni, sitta u għoxrin elf, sebgħa mija u sitta u tmenin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (Euro 2,026,786.36) stante li jikkonferma li dan l-ammont mhuwiex veritier.*

*Dr Cassar (għas-soċjetà rikorrenti) irrileva li f'dan l-istadju l-bank rikorrenti qed jitlob biss illi jiġi awtorizzat jeżegwixxi l-kuntratt tal-21.12.1999 mingħajr ma jkun hemm indikazzjoni dwar x'inhu attwalment l-ammont pendenti dovut mill-intimat.*

5. Semgħet ix-xhieda ta' **Roderick Abela**, rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti, mogħtija fit-13 ta' Novembru 2019.

6. Semgħet ix-xhieda ta' l-intimat **Louis Pace**, anke bħala rappreżentant tas-soċjetà intimata, mogħtija fil-5 ta' Frar 2020.

7. Rat illi fil-5 ta' Frar 2020 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet bil-miktub.

8. Rat is-sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorrenti ippreżentati fl-20 ta' Frar 2020.

9. Rat illi l-intimati ma ppreżentawx sottomissjonijiet bil-miktub.

## Ikkunsidrat

10. Jirriżulta, mill-provi, illi fil-21 ta' Diċembru 1999, is-soċjetà intimata Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited daħlet f'kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu mas-soċjetà rikorrenti Bank of Valletta p.l.c., fejn l-intimati konjugi Pace dehru bħala garanti.

11. Jirriżulta illi għaddew aktar minn ħames snin mill-iffirmar tal-kuntratt, w għalhekk is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob illi, a tenur tal-Artikolu 258 (c) tal-Kap 12, dina l-Qorti trendi eżegwibbli l-kuntratt li, minn natura tiegħu, għandu jitqies bħala titolu eżekuttiv a tenur tal-Artikolu 253 (b) tal-Kap 12.

12. Jirriżulta illi, fid-difiża tagħhom, l-intimati qed jopponu għat-talba kif redatta stante illi qed jikkontendu li ma humiex qed jaqblu mal-konteġġi magħmula mis-soċjetà rikorrenti u indikati fir-rikors promotur.

13. Il-Qorti tosserva illi, bil-proċeduri odjerni, dina l-Qorti hija qiegħda tintalab BISS illi trendi eżegwibbli l-kuntratt tal-21 ta' Diċembru 1999 u MA HIJIEX qiegħda tintalab sabiex l-kuntratt 'per se' jiġi eżegwit permezz ta' wieħed mill-Atti Eżekuttivi kkontemplati fl-Artikolu 273 tal-Kap 12.

14. L-istess ħsieb u konklużjoni kienet milħuqa minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fil-kawża Bank of Valletta p.l.c. vs Emanuel Portelli et deċiża fit-28 ta' Ġunju 2019, fejn, wara eċċezzjoni IDENTIKA għal dik imqajjma fil-proċeduri odjerni, din il-Qorti qalet is-segwenti:

> *... il-kompitu tal-Qorti f'kawża tax-xorta bħal ma hi dik tal-lum <u>huwa biss li tawtorizza t-tmexxija għall-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv u mhux biex tidħol fl-evalwazzjoni tal-kalkoli speċifiċi dwar l-ammonti dovuti inkluż</u>,*(sottolinjar ta' dina l-Qorti) *u l-konteġġi kif saru mill-Bank attur jew dwar aspetti oħra tal-istess kuntratt inkluż il-fatt li hemm ipoteki adekwati mogħtija mill-konvenuti lill-bank attur fir-rigward tad-dejn kostitwit. Infatti, għal dawk l-aspetti, l-leġislatur ipprova permezz tal-artikolu 281 (1) tal-Kap 12 li jipprovdi hekk –*
>
> *(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*
>
> *Għalhekk, una volta li l-konvenuti odjerni jiġu rinfaċċjati bl-eżekuzzjoni tal-kuntratt in kwistjoni, jekk jidhrilhom li għandhom jattakkaw il-kuntratt in kwistjoni tal-11 ta' Frar 1999 jew parti minnu, jew l-eżekuzzjoni tiegħu, huma għandhom jagħmlu dan permezz ta' proċeduri appożiti skont il-liġi.*

15. Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-kawża '**Bank of Valletta p.l.c vs Heritage Estates Limited**' deċiża fit-30 ta' Mejju 2016, dwar kawża oħra ta' l-istess natura, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid:

> *Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet John Portelli noe vs Henry Azzopardi pro et noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-29 ta' Mejju 1997 li rigward in-natura tal-proċedura de quo irrilevat illi f' kawża ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi titolu eżekuttiv ġia' kanonizzat bis-sentenza preċedenti. Minn dan isegwi illi kif kienet qalet il-Qorti tal-Appell Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet Emmanuele Falzon pro et noe vs Joseph Vella et deċiża fil-5 ta' Ottubru 1988, kieku l-Qorti kellha taċċetta l-prinċipju li l-intimat jitħalla*

*jqajjem eċċezzjonijiet fil-mertu tkun qiegħda tiftaħ il-bieb għall-abbużi fis-sens li l-intimat jingħata l-opportunita` li jtawwal il-proċeduri kontrih.*

16. Dina l-Qorti ftit li xejn għandha xi żżid mal-kliem meqjusa kif fuq redatti u tagħmilha ċara illi bil-preżenti deċiżjoni, kull ma hija ser tagħmel huwa illi tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' Titolu Eżekuttiv u mhux tawtorizza l-ħruġ ta' Att Eżekuttiv li, minn natura tiegħu, jippermetti l-kontestazzjoni tiegħu bi proċeduri ad hoc.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, a tenur tal-Artikolu 258 (c) tal-Kap 12, tordna l-eżekuzzjoni tal-kuntratt datat 21 ta' Diċembru 1999 magħmul in atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri kif fuq aħjar deskritt.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**